MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 562/2000/1

***Emanuel Zahra***
***vs***
***Patrick Vassallo***

Il-Qorti
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur wara li ppremetta: illi l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenut nhar it-23 ta' Settembru 1999 meta fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAT-049 ikkaguna danni lill-attur li kien ghaddej bil-mixi mill-imsemmija triq u dana unikament tort minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; illi a kawza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli fuq il-persuna tieghu hekk kif spjegat fir-rapport mediku iffirmat minn Mr. Charles J. Grixti hawn anness u immarkat Dok A liema danni gja gew ikkwantifikati u elenkati b'mod metikoluz mill-attur hekk kif jidher minn Dok B hawn annesss.

**Talab** li l-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta’ Settembru 1999 fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar sehh tort unikament tal-konvenut;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta’ l-istess incident;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;
Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:
1. in-nullita’ tac-citazzoni stante li la c-citazzjoni, la d-dikjarazzjoni u lanqas il-lista tax-xhieda ma huma ffirmati minn Prokuratur Legali u lanqas gew altrimenti pprezentati skond ma jipprovid l-artikolu 180 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. illi bla pregudizzju ghall-premess mhux minnu illi l-attur ‘kien ghaddej bil-mixi mill-imsemmija triq’ kif jinghad fid-dikjarazzjoni tieghu izda kien qieghed jipprova jaqsam it-triq;
3. illi bla pregudizzju ghall-premess il-konvenut mhux responsabbli ghall-incident msemmi fic-citazzjoni

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Kkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi fit-23 ta’ Settembru 1999 ghal habta tal-11.00 am sehh incident stradali go Main Street, kantuniera ma’ Sanctuary Street, Haz Zabbar, madwar metru u nofs il-boghod mill-kantuniera. Illi iz-zewg toroq huma ‘one way’ b’ mod li s-sewwieq hiereg minn Main Street ghal go Sanctuary Street irid necessarjament jikser ghal fuq in-naha tal-lemin tieghu. Mill-provi rrizulta sodisfacentement li Main Street, it-triq fejn sehh l-incident, hija twila, dritta, asfaltata u wiesa’ tali li jistghu jghaddu facilment tlett vetturi simultaneament. Dak in-nhar tal-incident it-triq kienet xotta u l-kondizzjoni tat-temp, kif deskritta fir-rapport tal-pulizija, kienet *“clear”*[1] Fl-inhawi fejn sehh l-incident ma hemmx *zebra crossing.*

*Dinamika tal-incident*

Illi l-incident sehh waqt li l-attur kien qed jaqsam it-triq ghan-naha l-ohra. Meta dan kien circa metru l-boghod mill-bankina minn fejn qasam, safa mtajjar minn vettura DAT-049 misjuqa mill-konvenut. L-attur intlaqat bil-quddiem lemini tal-vettura, vicin il-fanal, bir-rizultat li sofra debilita’ permanenti f’ irkoptu. Dak il-hin tal-incident l-attur kien miexi bil-mod hafna. Fi kliem l-istess attur:*“Jien nikkonferma li huwa kien miexi bil-mod kemm kemm jiccaqlaq”*[2] Irrizulta wkoll pacifiku, li s-sewwieq, l-ewwel darba li ra lill-attur, kien mal-impatt. Fil-fatt l-konvenut meta nizel mill-vettura qal lill-attur: *“ma rajtekx”*[3]

*Versjoni konvenut*

Fix-xhieda tieghu dan spjega li huwa kien ghaddej minn Main Street sejjer fid-direzzjoni ta’ Sanctuary Street. Huwa gibed lejn il-lemin biex ikabbar il-viswali tieghu lejn ix-xellug biex jara kienux gejjin vetturi minn dik in-naha ta’ Sanctuary Street. Meta hares lejn ix-xellug ra xi nies qed

[1] Dok.SZ Fol. 59
[2] Deposizzjoni Attur - Fol.113
[3] Deposizzjoni Konvenut – fol.84

jahdmu f' nofs it-triq "*u f' dik is-sekonda jigifieri kwazi wasalt ghat-tarf ta' Triq il-Kbira, x' hin dawwart wicci biex inhares il-fejn kont ha nibqa' sejjer, jigifieri f' daqqa wahda nara ragel ezatt mal-fanal tal-lemin tal-karrozza. Ghafast il-brake, fortunatament bhas-solut ikolli saqjja fuq il-brake, meta nkun qed navicina t-tarf ta' triq, u ghafast il-brake… u waqat. Kont miexi bil-mod hafna, ghalhekk waqaft hesrem…*"[4]

Aktar il-quddiem fix-xhieda tieghu, l-attur jghid hekk: *"L-area huwa busy hafna ….. dejjem izzomm ghajnejk miftuha meta qed tavvicina area bhal dik. U jien lilu ma rajtux la fuq il-bankina jigifieri, u lanqas qed jaqsam..*"[5] *"Ilmahtu mal-impatt. Kont qed inhares lejn ix-xellug u x' hin dawwart wicci biex ihares l-quddiem, jien u navvicina t-tarf tat-triq ilmaht lill-attur ezatt quddiem il-fanal tal-lemin*"[6]

*Versjoni Attur*

Illi fix-xhieda tieghu l-attur spjega li meta huwa gie biex jaqsam il-bankina ma rax karrozzi gejjin. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien miexi bil-mod *"kemm kemm jiccaqlaq …. Jiena nghid li ma rajtux (lill-konvenut), **izda f' temp ta' sekondi rajtu**. Nghid li vera kien gej bil-mod… Qed inhares lejn il-faccata, imbaghad qsamt u kont zewg metri fit-triq meta laqatni. Jiena ma kellix ghalfejn ihares fl-ebda direzzjoni meta inzilt mill-bankina".* [7]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Osservazzjonijiet guridici*

In tema legali l-Qorti tosserva li huwa l-obbligu ta' kull sewwieq li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out*. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, id-dawl, il-vizwali u

[4] Fols.83 – 84 – Sottolinear tal-Qorti.
[5] Fol.93 – Sottolinear tal-Qorti.
[6] Fols.111 – 112. Vide wkoll xhieda Catherine Vassallo Fol.117
[7] Fol.113 – Sottolinear tal-Qorti

cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq.

Gie osservat minn dawn il-Qrati li: "Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view* ***[Vol.LXXXII.III.322].*** *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view"* ***[Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]*** *"Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side"****[Mewhaus vs Bastion Insurance Limited]***

Konformament mal u b' applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali: li jekk sewwieq isostni li <u>ma rax il-vettura l-ohra gejja</u>, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghd attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out"* *[App.Krim**. Il-Pulizija vs John Laferla** 17 Gunju 1961]*

Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karreggjata. Fil-kawza ***Joseph Micallef vs Joseph Sammut*** deciza 28 ta' Gunju 2001, din il-Qorti[8] osservat: "… l-utenti tat-triq, u mhux is-sewwieq biss

[8] Diversament presjeduta

ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq,u fil-fatt irid jipprova li huwa *'used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"***[Gibb para 127]** *[Vide wkoll PA.(RCP)***Carmel Schembri et noe vs Dorianne Zerafa** *deciza 12 Lulju 200]*

*Osservazzjonijiet fattwali*

Applikati l-principji legali fuq esposti ghal-kaz in disamina, din il-Qorti tirravvisa responsabilita' ghall-incident de quo kemm fuq is-sewwieq konvenut kif ukoll fuq l-attur.

Illi mill-provi rrizulta manifest, u ex admissis mill-istess konvenut, li l-ewwel darba li dana ra u nduna bl-attur kien mal-impatt, u li f' dak il-mument, ghalkemm kien qed isuq bil-mod hafna, il-vettura kienet miexja. B' hekk sehh l-incident. Irrizulta wkoll ex admissis mill-kon venut li fis-sekondi precedenti, huwa kien qed ihares lejn ix-xellug biex jara kienux gejjin vetturi minn dik il-parti ta' Sanctuary Street, ghalhekk l-attenzjoni tieghu kienet fokata fuq dik il-parti tat-triq, u ma kienx qed ihares il-quddiem, nonostante li l-vettura kienet ghadha miexja; fil-fatt fix-xhieda tieghu qal, li malli ra lill-attur ghafas il-brake.

Minn dawn il-fatti, ir-responsabilita' tal-konvenut sewwieq tohrog cara. Il-Qorti tosserva li, gialadarba l-vettura kienet ghadha miexja il-quddiem, ghalkemm bi speed baxx hafna, huwa kellu d-dmir li jhares il-quddiem u jara dak li kien *"in plain view"* u cioe' l-attur qed jaqsam it-triq. Certament sewwieq ma jistax jitqies li kien qed izomm *"a proper look out"* meta huwa kien qed ihares, *albei*t ghal ftit sekondi, f' direzzjoni differenti minn dik fejn kienet sejra l-vettura tieghu.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li la darba l-konvenut ma kienx qed ihares fid-dritt, izda lejn ix-xellug, huwa kellu d-dmir, fic-cirkostanzi li jwaqqaf il-vettura, u jerga' jibda jimxi meta jkun qed ihares il-quddiem. B' hekk kien ikun fil-posizzjoni li jara dak li kien quddiemu u *"in the immediate vicinity".* Il-fatt li l-konvenut ammetta li l-ewwel darba li ra lill-attur kien mal-impatt, - meta dana seta' facilment jarah

qabel, stante li ma kien hemm xejn x'jostakolalu l-viswali – hu auto inkolpazzjoni ghax "kien imissur rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out".*[9] *Multo magis,* meta kif qal l-istess konvenut, l-area in kwistjoni hija *"busy hafna"*[10]

Illi n-nuqqas ta' l-attur jikkonsisti filli qabel ma dana qasam it-triq, u waqt li qed iwettaq din il-manuvra, huwa ma esercitax dik id-diligenza li c-cirkostanzi tat-triq kienu jirrekjedu minn pedestrian prudenti li jkun qed jaqsam il-bankina. Il-Qorti tosserva li l-fatt ammess mill-attur stess li huwa ma rax karrozzi gejjin u imbaghad ***"f' temp ta' sekondi rajtu"***[11] meta l-attur kien fin-nofs tat-triq, jew kwazi, flimkien mal-fatt li l-konvenut kien qed isuq bi speed baxx hafna, *"kemm kemm jiccaqlaq"*[12] necessarjament iwasslu ghall-konkluzjoni logika li meta l-attur gie biex jaqsam it-triq huwa ma harisx b'dik d-diligenza dettata mic-cirkostanzi. *Multo magis* meta rrizulta li t-triq hija twila u dritta.

Inoltre, l-affermazzjoni tal-istess attur fix-xhieda tieghu li meta kien qed jaqsam huwa *"ma kellix ghalfejn inhares fl-ebda direzzjoni meta nzilt il-bankina"* u baqa' jhares ghad-dritt, hija censurabbli ghall-ahhar u tmur kontra id-dettami tal-prudenza waqt t-traversar ta' triq li l-pedestrian ghandu jzomm *"a careful look out"* il-hin kollu, kemm qabel kif wkoll waqt li qed jaqsam it-triq, u dan biex f' kaz ta' emergenza subitanea ikun jista' jghamel manuvra evasiva; u mhux jhares dritt, u jinjora l-vetturi li jistghu jkunu gejjin waqt li jkun qed jittravesa t-triq ! *Multo magis* meta dik l-area hija *"busy hafna".*[13] u *multo magis* ukoll tenut kont tal-fatt li f' dik il-parti tat-triq ma hemmx zebra crossing, liema fatt jkabbar l-oneru ta' attenzjoni da parti tal-attur pedestrian fil-manuvra tieghu.

***Responsabilita'***

---

[9] Supra
[10] Supra

[11] Supra
[12] Supra
[13] Supra

Illi tenut kont tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz ir-responsabilita’ ghall-incident in kwistjoni ghandha tigi ripartita bejn iz-zewg kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom. Il-kawza prossima u immedjata tal-incident kienet in-nuqqas ta’ attenzjoni da parti tal-konvenut fis-sewqan tieghu konsistenti fin-nuqqas li jzomm *a proper look out*, u n-nuqqas tal-attur li juza d-deligenza mehtiega meta qasam it-triq.

***Danni***
*Lucrum Cessans*
*Osservazzjonijiet guridici*
Fatturi relevanti ghal-vertenza in disamina huma l-istat ta’ sahha u l-kondizzjoni ta’ l-attur kif kienu qabel l-incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita’ li sofra hijex ser tkun kagun ta’ telf ta’ qligh ghalih fil-futur, u f’ kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta’ dan il-*lucrum cessans*.

Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita’ *ut sic* imma ghal inkapacita’ in kwantu din tirrifletti telf ta’ qligh – telf patrimonjali. ***[Vol.LXIB.101].*** Dan it-telf ta’ qligh ghandu jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla’ introitu fil-futur. Il-fatt li persuna dizabbilitata tkun qed tahdem wara l-incident, anke jekk qeda taqla’ izjed minn qabel, ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta’ xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita’ necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tadhem ghal rasha***.[Vol.LXXXII.II.243].***

Rigward l-aspett tal-hajja lavorativa tad-danneggjat huwa relevanti l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Caruana u Anthony Falzon*** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001fejn ikkwotat b’ approvazzjoni dak li qalet l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza ***Kevin Agius vs Colin Murphy*** noe deciza fit-23 ta’ Marzu 1990, fejn gie osservat li dik il-Qorti ma taqbilx li *“f’ kull kaz il-kalkolu ta’ zmien ta’ life expectancy fis-sens ta’ aspettattiva ta’ hajja lavorativa, kellha tekwivali ghad-differenza bejn l-eta’ tal-vittma u l-eta’ pensjonabbli …… wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-chances and changes tal-hajja*

*huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat. Bizzejjed jinghad li l-aspettativa ta' hajja lavorativa utili llum testendi oltre l-eta' pensjonabbli, li mill-banda tfisser li l-vittma ser tibqa' tbati minn debitlita' anke wara dik l-eta' u minn banda tfisser illi l-vittma ser tibqa' tkun f' posizzjoni li tahdem f' xoghol fruttifueru oltre dik l-eta'. Il-grad u x-xorta ta' debilita' jassumu allura importanza determinanti kif taghmel ukoll il-kwalita' ta' xoghol, professjoni u kapacita' lavorativa tieghu."*

Izda rigward il-komputazzjoni tal-*quantum* ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu dak li osservat din il-Qorti diversament presjueduta u cioe' li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[14]

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
*Percentagg ta' disabilita'*
Illi mir-rapport tal-espert mediku, il-Kirurgu Victor Sultana, jirrizulta li rizultat tal-incident in disamina l-attur sofra debilita' permanenti f' irkoptu x-xellugija fi grad ta' seba fil-mija **[7%].**[15] Irrizulta ukoll, mill-provi prodotti, li fiz-zmien tal-incident, l-attur kellu l-kariga ta' foreman mal-Bank of Valletta.[16]

*Il-multiplicand*

[14] .Prim Awla – ***Carmelo Muscat v Francis Schembri et*** – 27.01.72 (emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

[15] Fols.100-102.
[16] Fol.48

Illi mid-dokument D1 jirrizulta li fis-sena 1999 l-attur dahhal introitu *gross* ta' **Lm7,135**.[17] Il-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rapprezentanti l-paga annwali ghandha tizdied is-somma ta' sitt mitt lira maltin **[Lm600]** biex tikkumpensah ghall-varjazzjonijiet fil-pagi, gholi tal-hajja u ziediet fl-inflazzjoni in generali, kif ukoll ghal xi sieghat ta' *overtime* li d-danneggjat jista' jitlef minhabba d-disabilita'.

Illi rigward s-sottomissjoni tal-konvenut li fil-komputazzjoni tad-danni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni il-paga netta u mhux il-paga gross, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fil-kawza ***Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard*** [18]deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-25 ta' Jannar 2001, kif ukoll ghall-kasistika hemm indikata, fejn intqal li ghall-finijiet tal-esercizju odjern hija l-*gross salary* li huwa relevanti.[Vide wkoll: PA ***Carmela Muscat et vs Francis Schembri et*** deciza 27 ta' Jannar 1972, u ***Av.Dr.Giovanni Bonello noe vs Tarcisio Gatt*** deciza 31 ta' Lulju 1980].

*Il-multiplier*

Kif gia fuq espost, fil-kalkolu tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-decujus, izda <u>l-hajja lavorativa tieghu</u>, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhahha dawk ic-cirkostanzi li jssejhu *the chances and changes of life*. Wiehed irid jezamina l-earning capacity tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[19]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life.*[20] *"The multiplier is not the product of precise calculation, buyt of estimantion in the light of the facts of the particular case and ot other comparable cases."*[21] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta' tad-danneggjat dak

[17] Fol.45
[18] Citazz. 2713/97 RCP.
[19] Prim Awla ***Carmela Muscat vs Francis Schembri*** (Ibid).
[20] Vide: App.Civ. ***Butler vs Heard*** deciza 22 ta' Dicembru 1967
[21] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]

in-nhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[22]

Fil-kaz in disamina rrizulta li fiz-zmien tal-incident l-attur danneggjat kellu erba u hamsin sena [54] u ghalhekk circa seba snin il-boghod mill-eta' pensjonabbli. F' dan il-kaz, din il-Qorti, b' applikazzjoni tal-principji legali fuq esposti, hija tal-fehma li ghandha tapplika multiplier ta' seba **[7]** snin; konkluzjoni bazata minn banda fuq il-konsiderazzjoni li ma hemm xejn x' jindika mill-prova li l-attur ma kienx ser jibqa' jahdem sa l-eta' pensjonabbli, u mill-banda l-ohra, l-aspettattiva lavorativa, tenut kont tax-xoghol li jaghmel, tista' tmur oltre din l-eta'. Mill-banda l-ohra ghandhu jittiehed in konsiderazzjoni il-fattur tac-*chances and changes of life.*

*Lump sum payment reduction*
Ir-*ratio* ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. *"Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jillimita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"* [App.Civ.***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon*** deciza 5 ta' Ottubru 2001]. F' dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li l-lump sum payment reduction ikun ghandu jkun ta' **18 %.**

Illi b' applikazzjoni tal-premess, is-somma likwidata rappresentanti *lucrum cessans*, hija fl-ammont ta' **Lm3,107.88** *[7% ta' (Lm7135 + Lm600) = Lm541.45 multiplikat b' 7 = Lm3,790.14 nieqes 18% tal-istess = Lm3107.88].*

*Damnum Emergens*
Illi id-danni emergenti sofferti mill-attur rizultat tal-incident odjern huma dawk elenkati minnu a fol.9 tal-process u li

[22] Vide ***Evans Xuereb vs Vincent Spalding*** [supra] u kasistika hemm citata.

gew sostnuti bid-debiti ricevuti, u jammontaw ghas-somma ta’ Lm590.43. Ma’ dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta’ Lm1,211.21[23] rapprezentanti *overtime* mitluf mill-attur, minhabba l-griehi sofferti minnu, ghall-perijodu li jestendi mill-24 ta’ Settembru sal-31 ta’ Dicembru 1999. Ghalhekk id-danni emergenti jammontaw komplessivament ghas-somma ta’ **Lm1,801.64**.

***Konkluzjoni***
Illi in vista tal-premess, id-danni globali f’ dan il-kaz sofferti mill-attur rizultat tal-incident jammontaw komplessivament ghas-somma ta’ **Lm4,909.52** - li nofsha hija dovuta mill-konvenut lill-attur.

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tirrespingi l-eccezzjoni t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet in parte, u tilqa’ t-talba attrici kif ser jinghad: tiddikjara ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta’ Settembru 1999 go Main Street Haz Zabbar kantuniera ma’ Sanctuary Street, huwa responsabbli l-konvenut in kwantu ghan-nofs; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont komplessiv ta’ Lm4,909.55; tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut fl-ammont ta’ Lm2,454.77 arrotonditi ghal Lm2,455; u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma ta’ ***elfejn erba mija erba u hamsa u hamsin lira maltin [Lm2,455],*** flimkien mal-imghax skond il-ligi mid-data tas-sentenza. L-ispejjez jigu sopportati miz-zewg kontendenti fi kowti ugwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[23] Dok.AC – Fol.55